

*Minn qiegħ qalbna o kbir Andrija*
*Insellmulek Ħalluqin*
*B'vuċi waħda lkoll ngħidulek*
*Sliem għalik Missier Ħanin*

# Niċeċ u statwi ta' Sant'Andrija Appostlu fit-toroq

Charles Attard

F'Ħaż-Żebbuġ insibu niċċa ta' Sant'Andrija fi Triq id-Dawl, Sqaq Nru 1, li saret fis-seklu 20 u li hija ukoll imżejna bl-għoti tal-indulġenzi.

F'Ħal Qormi, id-devozzjoni lejn Sant Andrija kienet waħda qawwija għaliex kien hawn ħafna sajjieda tant li kien hawn kappella ddedikata lil dan il-qaddis, iżda llum din ħaditilha posta kappella oħra. Dawn is-sajjieda fil-bini tal-knisja kien ingħatalhom artal. F'Ħal Qormi nsibu ħafna niċeċ fit-toroq l-iktar antiki ta' din il-belt, speċjalment fi Triq San Rafel.

F'Marsaskala, fl-imgħoddi kien aktar post fejn wieħed imur villeġġatura milli kien post residenzjali, allura ma setgħax jonqos li kien hemm ħafna sajjieda li b'devozzjoni lejn il-qaddis prottetur tagħhom, insibu niċċa ta' Sant'Andrija li tinsab fuq dar Nru. 13 fix-Xatt. Għalkemm din hija niċċa żgħira bla ebda dekorazzjoni, l-istatwa fiha xogħol mirqum ta'skultura b'mod speċjali fil-panneġġi tal-mant.

F'Marsaxlokk, dan huwa raħal ieħor pittoresk qrib il-baħar, Fl-imgħoddi, l-ewwel żvilupp kien madwar ix-xatt. Ħafna min-nies li kienu jabitaw f'dan ir-raħal, il-mistier



Niċċa ta' Sant'Andrija fi Triq id-Dawl, Sqaq Nru 1, f'Ħaż-Żebbuġ.


Niċċa ta' Sant'Andrija fi Triq San Rafel f'Ħal Qormi.


Statwa ta' Sant'Andrija fil-Pjazza ta' Marsaxlokk.

prinċipali tagħhom kien is-sajd. Għalhekk waqqfu statwa tal-ġebel f'ġieħ l-Appostlu Sant'Andrija, patrun tagħhom. Din l-opra kbira saret mill-ewwel sajjieda xlukkajri, skolpita fil-ġebel minn Vincenzo Dimech fl-1791 u li sal-lum għadna nsibuha tiddomina dan ix-xatt pittoresk ta' Marsaxlokk. F'din il-biċċa xogħol wieħed jista' jammira opra tal-arti b'diversi dettalji bħall-anatomija, l-inklinazzjoni tal-qaddis fuq is-salib, l-espressjoni ta' wiċċu, il-pareġġi tal-mantell u tant dettalji oħra. Ix-Xlukkajri kienu talbu lill-Isqof Vincenzo Labini biex joħroġ l-indulġenzi lil dawk kollha li jieqfu jitolbu quddiem din l-istatwa. Hija ħasra li maż-żmien inżebgħet kemm-il darba u għalhekk intilfu ċerti dettalji. Illum din l-istatwa għandha bżonn urġenti ta' restawr bħalma sar mal-istatwa ta' Sant'Andrija fix-Xlendi Għawdex, għaliex bl-effetti tal-elementi tat-temp u l-baħar qed issirilha ħafna ħsara.

F'Bormla kien minn dejjem magħruf għal numru ta' fratellanzi li kellhom; waħda minn dawn il-fratellanzi hija ddedikata lil Sant'Andrija, li mhux biss kellha artal bil-pittura tal-qaddis u standard, imma wkoll f'din il-parroċċa nsibu statwa mill-isbaħ tal-qaddis Sant'Andrija li llum tinsab fid-daħla. Id-devozzjoni ta' din il-fratellanza wasslet ukoll sabiex issir statwa tal-ġebel li llum sfortunatament m'għadhiex hemm.


Statwa ta' Sant'Andrija tal-ġebel li kienet quddiem ix-xatt fi Pjazza Gavino Gulia.

F'Ħal Għaxaq insibu dar partikolari li tiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd x'ħin jgħaddi minn quddiemha. Din id-dar hija magħrufa bħala *Dar tal-Bebbux*, għaliex fit-tieni sular ta' din id-dar naraw disinji differenti magħmula mill-bebbux, xogħol ta' Indri Dimech fl-1901. Dan Indri kien ibaħħar u dan il-bebbux li qiegħed imwaħħal ma' din id-dar ġabarhom minn inħawi differenti minn madwar id-dinja. Din id-dar mibnija fuq żewġ faċċati insibu tlett niċeċ u statwa ta' Santa Marija fuq faċċata waħda u fil-faċċata l-oħra nsibu tlett niċeċ oħra: waħda bix-xbiha ta' Ġesù msallab flimkien ma' Marija u Ġwanni, oħra ta' San Ġużepp u l-oħra ta' Sant'Andrija li saret b'tifkira ta' dan ir-raġel, Indri Dimech li ħadem din il-biċċa xogħol hekk sabiħa.




Niċċa ta' Sant'Andrija li tinsab fi Triq San Ġużepp, Ħal Luqa.



Niċċa f'Ħal Għaxaq mad-Dar tal-Bebbux



Niċċa ta' Sant'Andrija fuq il-faċċata tas-Sede tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija.

Ħal Luqa, sa mill-bidu tiegħu, għaraf lil Sant'Andrija bħala l-Patrun ta' dan ir-raħal. Fit-toroq ta' Ħal Luqa nsibu minn tal-inqas tlett niċeċ ta' Sant'Andrija. Dawn insibuhom fi Triq San Ġużepp Nru. 44, fejn naraw din l-istatwa kopja tal-istatwa titulari tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa u turi s-sena 1865. Niċċa oħra nsibuha fil-faċċata tal-Każin tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Din l-istatwa kienet saret fis-sena 1979 mill-istatwarju Michael Camilleri Cauchi u ħadet post statwa oħra ta' San Ġużepp li llum tinsab fi ġnien ta' dar privata. Din in-niċċa tiddomina l-faċċata tas-sede tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, Palazz Bethsaida - imsemmi għall-post fejn kien jgħix l-istess qaddis.

Statwa kbira ta' Sant'Andrija narawha tiddomina fi Triq il-Karmnu jew kif inhi magħrufa bħala Wied il-Knejjes. Din l-istatwa kienet saret b'tifkira tal-ewwel Soċjetà Mużikali La Stella, li ġiet imwaqqfa f'dawn l-inħawi. L-istatwa għandha stil barokk u fiha qagħda imponenti. Il-qaddis narawh nofsu għeri jħaddan is-salib, simbolu tal-martirju tiegħu. Din l-istatwa hija magħmula minn ġebla waħda fejn l-iskultur wera' t-talenti artistiċi tiegħu f'bosta angoli ta' din l-istatwa bħalma huma l-paneġġi, il-wiċċ tal-qaddis, il-leħja tiegħu, l-idejn u bosta dettalji oħra. Fuq il-pedestal ta' din l-istatwa, li jikkonsisti f'ħames panewijiet u l-parti ta' fuq tiegħu mżejna b'ħames mazzettuni, insibu żewġ kitbiet. Fil-pjazza ta' Ħal Luqa kien hemm statwa oħra ta' Sant'Andrija iżda din spiċċat fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

Fl-Imqabba, id-devozjoni lejn Sant'Andrija kienet bdiet lejn is-sena 1628 meta laħaq il-Kappillan Dun Andrea Farrugia li kien ġab inkwadru tal-qaddis.



Statwa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu, Ħal Luqa.


L-istatwa ta' Sant'Andrija li kienet fi Pjazza ta' Ħal Luqa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija.



Statwa li kienet taħt iż-zuntier tal-knisja tal-Imqabba.

F'dan iż-żmien fl-Imqabba kien hemm devozzjoni kbira lejn Sant'Andrija tant li kienu jsemmu ħafna trabi għal dan il-qaddis. Persuna mhux magħrufa kienet ħalliet il-flus sabiex issir statwa ta' Sant'Andrija, liema statwa kienet saret taħt iż-zuntier tal-Knisja Din l-istatwa kienet tinxtegħel ta' kuljum sakemm iġġarrfet għal kollox fit-Tieni Gwerra Dinjija.

Fir-Rabat, fit-triq li tagħti għall-knisja msejħa Ta' Ġieżu, hemm palazz li mill-bieb kbir tiegħu ma tistax ma tilmaħx statwa tal-ġebel ta' dan il-qaddis.



Statwa ta' Sant'Andrija fil-bitħa ta' Palazz fir-Rabat, Malta.



Statwa ta' Sant'Andrija fil-bitħa tal-Każin tas-Soċjetà Sant'Andrija, Ħal Lija.



L-Appostlu Sant'Andrija fuq il-Kolleġġjata ta' Birkirkara.



Statwa ta' Sant'Andrija fil-faċċata tar-Rotunda tal-Mosta.



Statwa ta' Sant'Andrija fil-bajja tax-Xlendi.


Niċċa ta' Sant'Andrija fir-Rabat, Għawdex.

F'Ħal Lija, f'waħda mit-toroq sbieħ li nsibu f'dar-raħal kwiet, insibu s-sede tas-Soċjetà Sant'Andrija li wkoll mill-bieb prinċipali tiegħu tidher statwa kbira tal-qaddis Patrun tal-istess Soċjetà. F'din it-triq, li hija wkoll imsemmija għal Sant'Andrija, insibu kappella ddedikata lilu u fl-aħħar sena kienet qed tiġi restawrata minn ġewwa.

Insibu diversi statwi oħra tal-ġebel li jżejnu diversi toroq u pjazez fosthom fuq il-Bażilika ta' Birkirkara fejn naraw it-tnax-il Appostlu u anke statwa oħra ħdejn il-bieb prinċipali tal-knisja parrokkjali tal-Mosta mal-faċċata tar-rotunda.

Jekk immorru fil-Gżira t'Għawdex ukoll insibu devozzjoni kbira lejn l-Appostlu Sant'Andrija. F'ħafna mill-knejjes naraw pittura jew statwi li juru r-rabta qawwija li għandhom l-Għawdxin ma' dan il-qaddis, fosthom fil-Parroċċa tal-Fontana fejn Sant'Andrija huwa l-Ko-Patrun ta' dan ir-raħal.

Statwa oħra ta' Sant'Andrija narawha

tħares lejn il-bajja sabiħa tax-Xlendi sabiex tħares lill-baħħara u lis-sajjieda. Ta' min jinnota li din l-istatwa kienet ġiet restawrata riċentement. Statwa oħra tal-Qaddis insibuha taħt iz-zuntier tal-knisja parrokkjali tas-Sannat.

Niċċa ta' Sant'Andrija tinsab f'waħda mit-toroq sbieħ li twasslek għall-knisja ta' San Ġorġ Martri.

Hekk naraw li tul l-istorja sabiħa ta' pajjiżna, id-devozzjoni lejn Sant'Andrija ma naqset qatt u qatt, turija li missirijietna dejjem irrikorrew lejn Sant'Andrija biex jaqlgħalhom xi grazzja. Hija ħasra li n-niċeċ u statwi bħal dawn ma jiġux ippreservati. Barra li dawn jagħmlu parti mill-wirt kulturali tagħna, huma wkoll xiehda tal-imħabba lejn il-qaddisin protteturi tagħna.

**Referenzi**


*In-niċeċ u statwi fit-toroq Maltin* - Kullana Kulturali - Tony Terribile

*Sant'Andrija fil-pjazza tal-Imqabba* - Prog. Festa 2009 Għaqda Mużikali Sant'Andrija - Giovanni Farrugia



